MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Numru. 389/2005

**Il-Pulizija**
**(Supt. Mario Bonello)**

**v**

**Clayton Galea ta' 21 sena bin Martin u Theresa nee Aquilina mwieled Pieta' fit-2/08/1983 u joqghod Binja F, Entrance B, Flat 7, Pjazza Filippo Sciberras, Floriana li ghandu karta tal-identita‘ bin-numru 386083 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Clayton Galea li gie akkuzat talli fit-23 ta' April, 2005 ghall-habta tal-4.45 p.m. gewwa l-ground Nazzjonali ta' Ta' Qali limiti tar-

Rabat Malta waqt il-partita u kif spiccat il-partita bejn Valletta u Floriana wera imgieba abbuziva billi:

Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk b' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-Korp tal-Pulizija persuni inkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti;

Bil-hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta'l-Assistent Kummissarju J. Brincat wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

Uza forza abbuziva kontra l-assistent Kummissarju J. Brincat u kkagunalu griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tieghu skond kif iccertifika Dr David Attard MD;

Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fid-dmir tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm 50) izda hija inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm 500) ghad-detriment tad-dirigenti tal-Malta Football Association;

Hedded lill-persuni b'seats jew tefgha xi seats fuq il-post fejn kien qed isir il-loghob jew fuq xi parti ohra tal-ground tal-isports;

Kiser il-paci pubbliku b'ghajjat u glied;

Qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

Xewwex gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat;

Ha parti attiva ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin biex jaghmlu reat.

Sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr D. Montebello LlD fl-20/05/2003.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, tissospendi lill-imsemmi Clayton Galea milli jidhol fi ground sportiv ghal perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat il-kusens ta' Clayton Galea ghall-istess proceduri.

Rat li fil-mori tal-kawza, moghtija l-provi tal-Prosekuzzjoni, jew ahjar meta l-Prosekuzzjoni kienet ezawriet il-maggoranza tal-provi taghha, Clayton Galea irregistra ammissjoni ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi apparti ghall-ammissjoni ta' l-istess Clayton Galea din il-Qorti hija ferm konvinta mill-htija tieghu wara l-ezami tal-provi prodotti. Kemm mix-xhieda ta' l-AC Joseph Brincat u l-Ispettur Ramon Mercieca u ufficjali ohra tal-pulizija, prezenti fil-ground tal-fottball meta nqala' dan l-incident, Clayton Galea kien partecipant attiv ghal qlugh tas-seats, ghall-fatt li aggredixxa membri tal-korp anke talli naqas li jobdi ordnijiet legittimi lilu moghtija mill-istess membri. Gew esebiti anke set ritratti li juru l-partecipazzjoni ta' l-istess Clayton Galea (fol 37).

Illi in vista ta' dan kollu din il-Qorti apparti ghall-ammissjoni tieghu qed issibu hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 96, 41, 214, 215, 216, 221, 339, 324, 338, 49, 50 tal-Kapitlu 9.

Rat ukoll il-pre sentencing report gia esebit.

Tqis li l-piena idonea ghal Clayton Galea hija dik ta' sentenza sospiza, rat ghalhekk l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9, l-artikolu 28A(1), 28A(7)(b) u 50 tal-Kapitlu 9.

Qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena u nofs sospiza ghal erba' snin.

Tissospendi lil Clayton Galea milli jidhol go ground sportiv ghal terminu ta' sentejn mil-llum dan wara li rat l-artikolu 30 tal-Kapitlu 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputat l-import ta' sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------